# Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi
# Rapport Annwali 2019

## 1. Ħarsa ġenerali dwar il-funzjonijiet u r-responsabilitajiet ta' din it-Taqsima

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ġiet imwaqqfa fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali b'deċiżjoni mill-Gvern f'Mejju 2013. Dan sabiex jiċċentralliza l-funzjonijiet regolatorji li jippartjenu għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), u leġiżlazzjoni sussidjarja oħra relatata magħha. Kif ukoll, sabiex tħares u tmexxi l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern dwar dak li għandu x'jaqsam ma' governanza ta' kaċċa sostenibbli u l-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. Fuq livell nazzjonali, it-Taqsima tar- Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ġiet inkarigata b'dawn il-funzjonijiet:

- Implementazzjoni tar-riforma tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-miżuri li jissimplifaw il-kaċċa u l-insib, effiċjenza akbar sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet ta' kull ċittadin li jinkludu wkoll il-kaċċaturi u n-nassaba, kif ukoll jiġu assigurati l-mezzi tal-infurzar u l-konformità mal-liġi;

- Kordinazzjoni tax-xogħol ta' kull struttura istituzzjonali neċessarja, li tinkludi wkoll il- Kumitat Ornis;

- Ċentralizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-iproċessar tal-liċenzji u proviżjoni tas-servizz tal-one-stop-shop għall-kaċċaturi u n-nassaba;

- Kordinazzjoni tal-infurzar;

- Promozzjoni ta' għarfien fi ħdan il-membri fil-komunità, ibbażata fuq prinċipji ta' sostenibilità u l-użu għaqli ta' riżorsi ekoloġiċi;

- Twettieq ta' programmi ta' taħriġ kemm għall-kaċċaturi kif ukoll lill-uffiċjali tal-infurzar;

- Amministrazzjoni ta' programmi edukattivi u l-proċeduri dwar l-eżamijiet tal-kaċċa;

- Manutenzjoni ta' statistika u kontroll fil-kwalità tad-dejta;

- Kordinazzjoni ta' tagħrif, komunikazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ;
- Kummissjonar għal studji xjentifiċi u rapporti tekniċi;
- Ħruġ ta' liċenzji u permessi varji u kontroll fuq ir-regolamenti tal-kundizzjonijiet dwar il-liċenzji;
- Kooperazzjoni mal-għaqdiet tal-kaċċaturi, mal-għaqdiet non-governattivi ambjentali, kif ukoll mal-membri fi ħdan il-komunità tal-kaċċaturi u n-nassaba;

Fi ħdan id-dominju internazzjonali u l-politika tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-kaċċa sostenibbli, il-prijoritajiet prinċipali ta' din it-Taqsima kienu dawn li ġejjin:

- Konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u dawk Internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, inkluż id-Direttiva tal-Għasafar, il-Convention on Migratory Species, il-Bern Convention u liġijiet relevanti oħra Ewropej, kif ukoll dawk internazzjonali;
- Implementazzjoni korretta tal-Artiklu 9 tad-Direttiva tal-Għasafar rigward derogi mill-projbizzjonijiet ġenerali tal-istess Direttiva;
- Preparazzjoni u sottomissjoni fil-ħin tar-rapporti u moniteraġġ tal-implementazzjoni tal-policy;
- Kollaborazzjoni ma' uffiċjali relevanti nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

## 2. Kisbiet Ewlenin matul is-sena 2019

### 2.1 Regoli u proċessi regolatorji

Matul is-sena 2019, it-Taqsima:

- Ikkordinat il-preparazzjoni, irrevediet u ssottomettiet lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Bern Convention u lis-Segretarjat tal-Convention on Migratory Species (CMS), ħames rapporti tekniċi dwar l-implementazzjoni tad-derogi f'Malta, ir-riżultat finali ta' programmi ta' moniteraġġ u rapporti oħra obbligatorji. Kull rapport obbligatorju għas-sena 2019 ġie mwettaq u indirizzat mit-Taqsima fi żmien stipulat;

- Issottomettiet b'suċċess ir-rapport ta' Malta taħt l-obbligu tal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar li jkopri l-perjodu ta' bejn 2013−2018. Dan l-Artikolu jitlob lill-Istati Membri biex jirrapportaw dwar il-progress li sar fuq l-implementazzjoni tad-Direttiva tal-Għasafar u jinformaw lil Kummissjoni Ewropea dwar l-istat tal-popolazzjoni tal-għasafar li jbejtu u li jqattgħu x-xitwa fil-pajjiżi tal-Membri Stati b'mod regolari u anke ta' dawk l-għasafar li jiġu osservati waqt il-migrazzjoni.

- Ipprovdiet kontribut tekniku u dak relatat mal-policy dwar l-implementazzjoni ta' numru ta' proċessi regolatorji Ewropej u internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi li jinkludu:

  - Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tuneż (Pjan Strateġiku ta' Ruma) kontra l-qtil, teħid u kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi li jaqa' taħt il-Bern Convention;

  - Il-programm ta' ħidma tas-CMS Mediterranean Task Force kontra l-qtil illegali tal-għasafar selvaġġi;

  - Ħidma fuq temi internazzjonali ambjentali (WPIEI Biodiversity);

  - Network tal-Unjoni Ewropea dwar l-implementazzjoni u l-infurzar tal-liġi dwar l-ambjent (IMPEL);

  - Direttiva dwar il-Qafas Regolatorju tal-Istrateġija Marittima;

  - Il-Barcelona Convention.

- Irrappreżentat lil Malta:

  - F'żewġt laqgħat tal-EU Nature Directives Expert Group;
  - F'żewġt laqgħat tal-EU Nature Directives Expert Group dwar ir-rapportaġġ taħt il-kappa tad-Direttiva tal-Għasafar;
  - F'żewġt laqgħat bilaterali mad-Direttorat Ġenerali Ambjentali tal-Kummissjoni Ewropea;
  - F'laqgħa konġunta mal-Bern Convention Network of Social Focal Point kontra l-qtil, teħid u kummerċ illegali ta' għasafar selvaġġi u l-UN-Environment/CMS

Intergovernmental Task Force kontra l-qtil, teħid u kummerċ illegali ta' għasafar tal-passa fil-Mediterran;

- Ikkordinat l-abbozz, il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' sitt strumenti legali:

  - Avviż Legali 64/2019: Regolamenti tal-2019 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2019 għas-Summien);
  - Avviż Legali 65/2019: Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Sabiex Tiġi Permessa Deroga għall-kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru);
  - Avviż Legali 66/2019: Regolamenti tal-2019 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru);
  - Avviż Legali 100/2019: Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ;
  - Avviż Legali 269/2019: Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera);
  - Avviż Legali 270/2019: Regolamenti tal-2019 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2019 għall-Malvizz u l-Pluviera).

- Ikkordinat sessjoni ta' eżamijiet tal-falkunerija (li jinkludu eżami prattiku u ieħor bil-miktub) f'Malta, hekk kif stabbilit fis-sena 2016 dwar il-proċedura tal-liċenzja tal-falkunerija permezz tal-LS 549.106: Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija);

- Ipprovdiet assessjar kontinwu u pariri rigward policies governattivi, programmi, proġetti u pjanijiet li jistgħu jħallu impatt fuq il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

- Ikkordinat l-amministrazzjoni tal-proċeduri tal-liċenzji speċjali għall-kaċċa fir-rebbiegħa u għad-deroga tal-insib għall-Malvizz u l-Pluviera matul l-istaġun tal-ħarifa tas-sena 2019, inkluż plottjar fuq il-GIS tas-siti tal-insib reġistrati li ġew sottomessi mal-applikazzjonijiet tal-insib, inkluż il-pubblikazzjoni tal-coordinates tagħhom fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima, skont kif mitlub mir-Regolamenti dwar Il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), L.S. 549.74;

- Ikordinat u ħarġet sejħa għall-offerti għall-implimentazzjoni ta' aġġornament sostanzjali fid-database tal-kaċċa u l-insib u fis-sistema tal-informazzjoni ġeografika;

- Amministrat is-sistema ta' liċenzjar ġenerali għal ħames kategoriji ta' liċenzji;

- Ħarġet tliet liċenzji ġodda lill-bird ringers u ssorveljat 30 persuna li ngħataw il-liċenzja ta' bird ringer valida għal ħames snin fis-sena 2016, 2017 u 2018;

- Ġedded il-liċenzja ta' seba' balzmaturi tal-għasafar li ngħatatilhom il-liċenzja tal-ibbalzmar valida għal ħames snin fis-sena 2017;

- Wettqet tnax-il kors ta' preparazzjoni obbligatorju għall-kaċċaturi prospettivi bl-għan li jedukaw ruħhom mal-liġijiet applikabbli, l-ispeċi kaċċabbli, restrizzjonijiet, l-obbligu ta' rapportaġġ u responsabilitajiet oħra marbuta mal-liċenzji tal-kaċċa;

- Wettqet tmien sessjonijiet ta' eżamijiet tal-kaċċa (f'Malta u Għawdex) li fihom poġġew 473 applikant (inkluż ir-resits)*;*

- Wettqet sessjonijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex għall-uffiċjali tal-pulizija li huma involuti fl-infurzar tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, fejn 'l fuq minn 90 uffiċjal ġew imħarrġa fl-ornitoloġija bażika, teknika dwar identifikazzjoni ta' atti kriminali li jinvolvu għasafar selvaġġi, proċeduri ta' spezzjonijiet, regolamenti applikabbli u proċessi ta' prosekuzjoni u l-użu ta' sistemi speċjalizzati relatati mal-infurzar;

- Kompliet twettaq il-proċedura li titratta l-kura ta' tajr ferut b'servizzi speċjalizzati minn klinika tal-veterinarju mqabbad mill-Gvern. Taħt din il-proċedura, it-Taqsima kkordinat u ssorveljat il-kura, trattament u riabilitazzjoni ta' 326 għasfur li jappartjenu għal 78 speċi differenti;

- Ikkordinat il-proviżjoni ta' kura tul il-ħajja ta' Bagħadan Aħmar, li minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu ma setax jiġi rilaxxat lura fis-selvaġġ. L-eżemplar ġie fdat lil persuna liċenzjata b'esperjenza vasta f'dan il-qasam ġewwa faċilità approvata mit-Taqsima flimkien mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji taħt sejħa għal proviżjoni ta' riabilitazzjoni jew kura tul il-ħajja tal-għasafar;

- Implimentat żewġ studji xjentifiċi fuq il-passa tal-Gamiema (*Streptopelia turtur*) u s-Summiena (*Coturnix coturnix*) fir-rebbiegħa u l-ħarifa tas-sena 2019, u studju ieħor separat li jikkonċerna

l-passa tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana, kif ukoll tal-Pluviera u l-Malvizz fil-ħarifa tas-sena 2019;

- Assigurat id-diġitalizazzjoni ta' 1,895 mansab abonnat mal-istaġun tal-insib tal-2019 għall-Pluviera (*Pluvialis apricaria*) u l-Malvizz (*Turdus philomelos*) fuq il-GIS għal fini ta' infurzar;

- Immonitorjat is-sistema elettronika ta' rappurtar tal-qbid tal-għasafar kemm matul l-istaġun tal-kaċċa, kif ukoll matul l-istaġun tal-insib;

- Kompliet tiżviluppa u tibni database moderna li ser tiffaċilita l-moniteraġġ aħjar ta' kull ċaqliq ta' għasafar ibbalzmati rreġistrati u l-infurzar relatat;

- Ikkordinat, ippreparat u ppubblikat evalwazzjonijiet xjentifiċi fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-Gamiema (*Streptopelia turtur*), is-Summiena (*Corturnix coturnix*), il-Pluviera (*Pluvialis apricaria*), u l-Malvizz (*Turdus philomelos*);

- Ikkordinat u ppubblikat il-ktejjeb Malta Breeding Bird Atlas 2018 li jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-konservazzjoni tal-għasafar li jbejtu ġewwa l-Gżejjer Maltin, kif ukoll fuq għasafar oħra li jpassu, b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet mhux governattivi bħall-BirdLife (Malta), il-Federazzjoni Kaċċatturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), Kaċċatturi San Ubertu (KSU) u ma' esperti oħrajn fl-avifauna;

- Assigurat servizz ta' customer care kontinwu u konsultazzjoni mal-imsieħba kollha fis-settur, mexxiet diversi laqgħat ma' msieħba varji, ma' rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-kaċċaturi, klabbs tal-falkunerija, rappreżentanti ta' għaqdiet internazzjonali, assoċjazzjonijiet tal-ibbalzmar u għaqdiet mhux governattivi ambjentali;

- Kompliet taġġorna s-sit elettroniku (https://msdec.gov.mt/en/Pages/WBRU/Wild-Birds-Regulation-Unit.aspx) b'tagħrif siewi, informazzjoni u rapporti, inkluż statistika;

- Ikkordinat il-ftehim dwar l-immaniġjar li sar mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) u mal-BirdLife (Malta) dwar proġetti u attivitajiet li jsiru ġewwa r-Razzett tal-Bagħal u r-Razzett tal-Bosk rispettivament;

- Wieġbet mistoqsijiet varji relatati mal-operat ta' din it-Taqsima;

- Wettqet żewġt konsultazzjonijiet pubbliċi[1] li jikkonċernaw l-emendi fir-rigward tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (LS 549.42) u r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Fenek Selvaġġ (LS 549.90);

- Ipprovdiet sapport tekniku u amminstrattiv kontinwu għall-funzjonijiet tal-Kumitat Onis, li b'kollox kellu għaxar laqgħat matul is-sena 2019. Aċċertat ukoll li r-rakkomandazzjonijiet u l-proċeduri meħuda mill-kumitat ġew ippubblikati uffiċjalment fuq is-sit elettroniku tad-WBRU (https://msdec.gov.mt/en/Pages/WBRU/OrnisCommittee.aspx);

- Wettqet eżerċizzju ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni li jikkonċerna l-importazzjoni u l-pussess tal-għasafar ma' persuni li jorganizzaw ġiti għall-kaċċa, balzmaturi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-kaċċa u entitajiet oħrajn;

- Ikkordinat 'l fuq minn tmien proċeduri relatati ma' sejħiet għal offerti relatati ma' servizzi, sejħiet għall-kwotazzjonijiet u proċeduri oħra sabiex din it-Taqsima tkun tista' tiffunzjona b'mod tajjeb;

- Ipprovdiet servizz kontinwu ta' customer care lill-klijenti residenti Għawdxin billi assigurat arranġamenti neċċessarji fit-tmexxija tal-eżamijiet għal-liċenzji u servizzi oħra, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ta' Għawdex b'uffiċċju adekwat sabiex joffri s-servizzi meħtieġa ġewwa Għawdex stess;

- Iġġenerat is-somma ta' madwar €38,813.00 fi dħul minn tiġdid ta' miżati tal-liċenzji ġenerali, kif ukoll liċenzji speċjali tal-insib u provista ta' servizzi varji bħal: ħlasijiet għall-eżamijiet, bejgħ ta' posters edukattivi, ħlas għall-bdil ta' liċenzji eċċ., u minn multi amministrattivi u penali għall-offiżi varji li jaqgħu taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Fenek Selvaġġ;

- Kull proġett taħt l-ewwel sejħa għal għajnuna finanzjarja taħt l-iskema tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi ġie mwettaq b'suċċess;

- Saret sejħa ġdida għal proposti li jaqgħu taħt l-iskema tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, fejn l-uffiċċju rċieva ħames proposti minn tliet għaqdiet mhux governattivi differenti. Dawn l-applikazzjonijiet għadhom fi stadju pendenti.

---

[1] Il-paġna tas-sit elettroniku tat-Taqsima li tirrelata ma' konsultazzjonijiet pubbliċi hija aċċessibbli minn: https://msdec.gov.mt/en/Pages/WBRU/pub_cons.aspx

## 2.2 Infurzar

Fil-qasam tal-infurzar matul is-sena 2019, din it-Taqsima:

- Kompliet tipprovdi assistenza teknika lill-pulizija u entitajiet oħra fil-qasam tal-infurzar fuq kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, identifikazzjoni u prosekuzzjoni ta' offiżi fuq kriminalità marbuta mal-għasafar. Ikkordinat arranġamenti ta' infurzar tal-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa u tal-insib fil-ħarifa mal-Pulizija, mal-Forzi Armati u entitajiet oħra;

- Wettqet seba' spezzjonijiet mal-pulizija ġo residenzi privati fejn ġew eżaminati 750 eżemplar ta' għasafar ibbalzmati. Matul dawn l-ispezzjonijiet irriżulta li total ta' 112-il għasfur ibbalzmat irreġistrat ġie disponut illegalment mingħajr permess, filwaqt li 15-il eżemplar ieħor kienu miżmuma b'mod illegali. Azzjoni legali ttieħdet kontra l-akkużati;

- Matul l-istess perjodu, it-Taqsima assistiet ukoll lill-pulizija waqt tliet investigazzjonijiet relatati mal-pussess ta' għasafar. Waqt dawn l-ispezzjonijiet, total ta' 1,199 għasfur ħaj ġew eżaminati, li 693 għasfur minnhom ġew elevati u rrilaxxati fis-selvaġġ minħabba li kienu mlibbsa ċurkett magħluq falz b'dijametru akbar mil-istandards meħtieġa għal dawn l-ispeċi (ċ-ċrieket ġew imneħħija qabel ma tħarrbu), jew għaliex ma kienux imlibbsa ċurkett magħluq. Ittieħdet azzjoni legali. Barra minn hekk, l-uffiċjali offrew l-assistenza tagħhom lill-pulizija sabiex ġew identifikati u verifikati l-legalità ta' eżemplari oħra li jiffurmaw parti minn investigazzjonijiet li jsiru b'mod regolari.

- Uffiċjali tat-Taqsima attendew għal diversi seduti l-Qorti (kull seduta tinkludi aktar minn smigħ wieħed) li wasslu għal 28 kundanna u 11-il assenjazzjoni, filwaqt li l-kumplament tal-każijiet għadhom pendenti għal aktar smigħ;

- Amministrat il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-għasafar ibbalzmati. Matul dan il-perjodu, it-Taqsima rċeviet applikazzjonijiet għal-trasferimenti jew rimi ta' għasafar ibbalzmati li kienu ġew irreġistrati mal-awtoritajiet taħt l-iskemi tal-1998/99 u tal-2003;

- Ikkordinat proċeduri ta' infurzar mal-uffiċjali tad-dwana u entitajiet oħra sabiex tassigura li min jimporta u jbiegħ apparat elettroniku li, fost użu leġittimu ieħor, jista' jwassal għal użu illegali waqt il-kaċċa u l-insib, ikun avżat dwar il-konsegwenzi jekk jintużaw għal skop illegali;

- Wieġbet għal diversi mistoqsijiet mill-pubbliku rigward suġġetti relatati mal-portafoll tat-Taqsima;

- Kompliet tħaddem is-sistema tal-multi administrattivi. Assigurat il-ħruġ u l-proċessar ta' multi administrattivi varji lil 52 persuna;

- Ikkordinat mal-Pulizija Eżekuttiva għaż-żamma tal-istatistika relatata mal-infurzar u għal fini ta' rappurtaġġ.